MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1203/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Raymond Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm356.59) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99475216;**
**Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi**

**kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma prezentax risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm356.59), bl-imghax legali mid-19 ta' Gunju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------